A.L. 193 tal-2010

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar ir-Rifużjonijiet tat-Taxxa u l-Proċedura ta' Reġistrazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 48 u 58 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2010 li jemendaw ir-Regoli dwar ir-Rifużjonijiet tat-Taxxa u l-Proċedura ta' Reġistrazzjoni, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-2008 dwar ir-Rifużjonijiet tat-Taxxa u l-Proċedura ta' Reġistrazzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

A.L. 80 ta' l-2008.

Jissostitwixxi r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

2. Minflok ir-regola 2 tar-regoli prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Talba għar-rifużjoni.

2. Kull persuna, ħlief għall-azzjonisti ta' kumpannija b'kummerċ internazzjonali, li tagħmel talba konformement mal-artikolu 48(4) jew konformement mal-artikolu 48(4A) għandha, sabiex ikollha jedd tagħmel dik it-talba, tkun reġistrata mal-Kummissarju kif stabbilit f'dawn ir-regoli.".

Jemenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

3. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) id-dispożizzjonijiet preżenti tar-regola 3 tar-regoli prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregola (1) tar-regola 3, u minflok il-kliem "u għandha tispeċifika s-sena ta' stima fejn it-taxxa stmata li fuqha tkun tixtieq tagħmel talba" għandhom jitħassru; u

(b) minnufih wara s-subregola (1) kif enumerata mill-ġdid, għandha tiżdied din is-subregola ġdida li ġejja:

"(2) Ir-reġistrazzjoni mill-kumpannija kif hemm fis-subregola (1) ta' din ir-regola għandha tapplika għas-sena ta' stima li fiha tkun debitament saret ir-reġistrazzjoni mal-Kummissarju kif hemm fl-imsemmija subregola (1) u għas-snin ta' stima kollha sussegwenti sakemm dik il-persuna tavża lill-kumpannija li tkun trid tħassar ir-reġistrazzjoni tagħha kif hemm fir-regola 7 u dik it-tneħħija mir-reġistru tkun saret mill-Kummissarju:

Iżda għal kull sena ta' stima li tkun tapplika u li tiġi wara r-reġistrazzjoni msemmija f'dawn ir-regoli u sakemm ma jingħatax avviż tat-tħassir tar-reġistrazzjoni kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli, għandu jitqies li -

(a) l-azzjonist reġistrat ikun qed jistenna li jirċievi dividend mill-profitti li jkunu nqalgħu għar-rigward ta' kull waħda mis-snin ta' stima msemmija; u

(b) l-azzjonist reġistrat ikun bi ħsiebu jagħmel talba għar-rigward tat-taxxa li dwarha tkun saret stima għar-rigward ta' kull waħda mis-snin ta' stima msemmija; u

(ċ) ir-reġistrazzjoni rilevanti tkun ġiet imġedda għal kull waħda mis-snin ta' stima msemmija bid-dettalji oriġinali fuq l-applikazzjoni u, meta jkun japplika, kif emendati b'xi dettalji ġodda hekk kif avżati bil-miktub mill-kumpannija lill-Kummissarju.".

Jemenda r-regola 5 tar-regoli prinċipali.

4. Ir-regola 5 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subregola (4) tagħha għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subregola (5), u fil-paragrafu (a) tas-subregola (5) kif enumerata mill-ġdid, minflok il-kliem "hija s-sena ta' stima" għandhom jidħlu l-kliem "hija l-ewwel sena ta' stima"; u

(b) minnufih wara s-subregola (3) tar-regola 5 għandha tiżdied din is-subregola ġdida li ġejja:

"(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregoli (1), (2) u (3) ta' din ir-regola, il-Kummissarju jista', fid-diskrezzjoni tiegħu u sakemm ikun hemm biżżejjed raġunijiet serji biex issir it-talba, jaċċetta talba għar-reġistrazzjoni ta' persuna biex ikollha jedd tagħmel talba kif hemm fis-subartikoli msemmija fir-regola 2 ta' dawn ir-regoli iżda dik it-talba m'għandhiex issir aktar tard minn tmintax-il xahar wara t-tmiem tal-perijodu tal-kontijiet li r-reġistrazzjoni taħt dawn ir-regoli tkun tirreferi għalih.".